MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2001

Numru 227/2000

**AWLA 7**

Illum 21 ta' Frar 2001.

Il-Pulizija
Spettur David Gatt

Vs

Owen Mallia

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Owen Mallia, ta' 17-il-sena, bin Alfred u Catherine nee' Grima, imwieled Pieta' fis-6 ta' Lulju 1983, u li joqghod Plot 24, Triq Sir Temi Zammit, Mtarfa, bin-numru tal-karta tal-identita' 0338083 (M);

Talli fil-lejl ta' bejn l-1 ta' April 2000 u t-2 ta' April 2000, ikkommetta serq ta' vettura JAE 075 tal-marka Vauxhall ghad-dannu ta' sidha Alfred Mallia, liema serq huwa kwalifikat, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin (Lm1,000), hin u natura tal-haga misruqa;

Talli fl-istess data, hin u lok xjentament, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentament b'kull mod iehor indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom;

U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi saq vettura minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, u aktar saq din il-vettura minghajr ma' kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni;

Ukoll talli f'din id-data u cirkostanzi, ikkaguna dannu involuntarji fuq vettura JAE-075 ghad-dannu tas-sid Alfred Mallia u hajt properta tal-Kunsill Lokali, Had Dingli;

U fl-ahharnett, talli b'hekk kiser il-provvediment tal-Kap 152 skond kif ordnat il-Qorti tal-Magistrati, preseduta mill-Mag. Dr. C. M. Peralta LL.D. nhar is-16 ta' Frar 2000.

Wara illi rat l-Artikoli 279, 270, 271, 334, MVR 50, 328 tal-Kapitolu 9;

Ikkonsidrat:

Illi l-provi migjuba kontra l-imputat mill-Prosekuzzjoni, huma sufficjenti sabiex l-imputat jinstab hati tal-imputazzjonijiet kollha lilu addebitati, u dan oltre kull dubbju ragonevoli.

Il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz l-attenzjoni mghotija lill-imputat mill-Probation Services, kif ukoll mill-Ghaqda Sedqa, kif ukoll mill-istess Qorti, temmen illi l-imputat ghandu jitghallem il-lenzjoni tieghu.

Ghaldaqstant, fil-waqt li ssib lill-imputat hati, tikkundannah ghal sena prigunerija liema terminu ma’ jsirx, sakemm l-imputat fiz-zmien sitt (6) xhur mil-lum, ihallas l-ammont ta’ hames mitt lira (Lm500), lill-genituri tieghu, Alfred u Catherine Mallia, rapprezentanti danni sofferti minnhom fil-vettura minnu misjuqa u dan a terminu tal-Artikolu 28h tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Inoltre ta’ dan, il-Qorti qeghda timmultah ghall-hlas ta’ multa ta’ mitejn u tmenin lira maltin (Lm280) rigward it-tielet imputazzjoni migjuba mill-Prosekuzzjoni kontra tieghu, liema multa ghandha tithallas fiz-zmien sentejn (2) mil-lum, u qeghda tilliberah mit-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u cioe’ dik ta’ ricettazzjoni.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------